

**Anton Vella**

SMEs Helpdesk Executive
Malta Employers' Association

**KIF TAĦSIBHA L-ASSOĊJAZZJONI TA' MIN IĦADDEM?**

# IN-NEGOZJU U S-*SALES*




In-negozju jiddependi ħafna fuq l-istaġuni. Hemm l-istaġuni naturali tan-natura fejn, minħabba tibdil fil-klima, jikkundizzjona l-volum u l-kwalità tan-negozju, kif ukoll hemm l-istaġuni li joħloqhom l-istess settur tan-negozju.

Qed nirreferi għal dawk il-perjodi tas-sena fejn setturi ta' negozji jagħżlu li jirrikorru għas-*sales*.

Huma jiem fejn naraw kjuwijiet ta' nies jistennew wara l-bibien ta' diversi ħwienet, sabiex japprofittaw rwieħhom minn roħs li l-istess negozjanti jkunu qed joffru fuq il-prodotti tagħhom. Fejn qabel kont tara tabelli li jindikaw roħs ta 20%-30%, illum daħlet il-prassi li saħansitra ssib ħwienet li joffru sa 70% roħs, jekk mhux aktar ukoll.

L-aktar settur ta' ħwienet li jadottaw din is-sistema huma dawk tal-ħwejjeġ, iżda llum insibu wkoll intrapriżi oħra li minn żmien għal żmien joffru wkoll roħs sostanzjali fuq is-servizzi u prodotti bħala parti mill-istrateġija tal-*marketing* tagħhom. Stabbilimenti kbar saħansitra jagħżlu li jorganizzaw *open weekends* u *open days*, fejn joffru servizzi u skemi ta' benefiċċji għall-konsumatur mill-istess sit fl-stabbiliment tagħhom f'ħinijiet li normalment ma jkunux miftuħa.

Imma lura għas-suġġett tas-*sales*, tradizzjonali tal-ħwienet tal-ħwejjeġ. Importanti li sidien ta' negozji jkunu jafu li ma jistgħux joffru *sales* fuq ħwejjeġ ta' *stock* ġdid, u li jkunu għandhom ma poġġewhx fis-suq fil-ġimgħat ta' qabel. Jistgħu joffru roħs biss fuq ħwejjeġ u prodotti li jkun diġà ġew esibiti u pprezzati fl-istess ħanut. Dan jgħin lill-istess konsumatur ikun jaf jekk ir-roħs riklamat u offrut hux roħs ġenwin jew le.

Ħaġa oħra li ma jistax jagħmel sid ta' negozju hu li jirriklama li qed joffri persentaġġ ta' roħs u mbagħad, meta l-konsumatur jidħol fil-ħanut, isib li mhux veru jkollu dak ir-roħs kollu fuq kulma ssib fl-istess ħanut. Sabiex in-negozjant ikun konformi mal-liġijiet u r-regolamenti għad-drittijiet tal-konsumatur, ikun irid jidentifika ċar u tond liema prodotti huma bis-*sale* u liema le, b'tikketti u tabelli li jinfurmaw u jindikaw lill-istess konsumatur mingħajr ma jkollu l-bżonn li jistaqsi lil tal-ħanut.

Huwa importanti mill-banda l-oħra li l-konsumatur jinnota u joqgħod attent għal kundizzjonijiet offruti u marbuta mal-istess *sales*. Normalment dak li jinxtara waqt sale mhux dejjem ikun jista' jinbidel jew jiġi mibdul ma' *credit vouchers*, jekk mhux bi ftehim speċifiku mal-istess sid tan-negozju.

Fl-opinjoni tal-MEA, is-sales ma għandhom ikunu qatt okkażjoni fejn in-negozjant jagħti l-impressjoni li qed jipprova japprofitta ruħu u jingganna lill-konsumaturi, iżda għandhom ikunu opportunità sabiex, filwaqt li jingħata servizz ta' benefiċċju għall-istess konsumatur, ikompli jiġi ġġenerat aktar negozju u kummerċ.

Sid ta' ħanut, jew stabbiliment, f'dawn il-jiem ta' festi, għandu joqgħod attent ħafna aktar minn drabi oħra, sabiex jassigura li l-konsumatur jinqeda tajjeb u joħroġ mingħandu b'impressjoni tajba biex b'hekk ikun hu stess li jagħmillu l-aħjar reklam.

F'dawn iż-żminijiet ikun hemm nies li jippruvaw u jfittxu ħwienet ġodda, li qatt qabel ma jkunu daħlu fihom, sabiex jaraw isibux dik ix-xi ħaġa differenti minn dak li jkunu raw qabel. Għalhekk dan iż-żmien joffri l-opportunità lil uħud mis-sidien tal-ħwienet li jkabbru l-klijentela tagħhom, mhux biss għal dawn il-jiem iżda saħansitra għall-ġimgħat u x-xhur tas-sena l-ġdida. Dan dejjem jekk jagħrfu jmorru tajjeb mal-konsumaturi li jżuruhom u jixtru mingħandhom.

Il-ġranet tas-*sales* jista' jkun li jillimitaw xi ftit l-ammont ta' profitt li sid ta' ħanut jista' jagħmel minn fuq dak li jbigħ, iżda żgur li ma jillimitax l-ammont ta' klijenti ġodda li jista' jakkwista bl-attitudni tiegħu waqt il-proċess ta' bejgħ. Daqstant ieħor iżda jista' jitlef klijenti minn tiegħu jekk, sforz il-ġenn u l-ħajja mgħaġġla ta' dawn il-jiem ma jagħtix l-attenzjoni massima lill-istess klijenti leali tiegħu, u jkun xi ftit arroganti magħhom. Klijent iddum biex takkwistah, iżda faċli titilfu f'ħakka t'għajn.

Filwaqt li, f'isem il-MEA, nieħu din l-okkażjoni sabiex nawgura lilkom, qarrejja ta' din il-gazzetta, u lill-familji tagħkom il-festi t-tajba u sena mimlija b'dak kollu li tixtieq qalbkom, nappellalkom sabiex tagħrfu timxu b'korrettezza mal-konsumaturi tagħkom u, fejn tiġu f'dubji, tiddejqu xejn tikkuntattjawna.

**Facebook : www.facebook.com/MaltaEmployersAssociation**

**Jekk tixtieq tagħmel kuntatt magħna (bħala Assoċjazzjoni ta' Min Iħaddem) tista' tagħmel dan billi ċċempel 2122 2992 jew 2123 7585. Tista' wkoll tibgħat *email* lil anton.vella@maltaemployers.com, jew tuża t-24/7 *helpline* 2122 2006 billi ċċempel u tħallilna ismek sabiex fl-iqsar żmien possibbli nkunu nistgħu nirritornaw it-telefonata tiegħek.**

**Grazzi talli tajtni l-opportunità li nitkellem miegħek. Nibqgħu niltaqgħu b'artikli oħra simili fil-ġimgħat li ġejjin. Jekk tixtieq tgħaddili xi suġġerimenti u proposti għal dan l-artiklu nitolbok biex tikkomunika miegħi jew mal-istaff editorjali ta' din il-gazzetta u jien inwiegħdek li nagħmel ħilti sabiex ma niddiżappuntakx.**